# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-XI Ħadd Matul is-Sena
Sena B

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-ħdax –il Ħadd ta’ matul is-sena. Il-liturġija ta’ dan il-Ħadd turina li Alla jiftakar f’kulħadd.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eżek 17, 22-24)
Il-profeta Eżekjel jgħidilna li Alla jwettaq dak li jwiegħed.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 91 (92), 2-3.13-14.15-16)
Tajjeb li nfaħħru l-Mulej

**It-Tieni Qari** (2 Kor 5, 6-10)
L-appostlu San Pawl jgħidilna li l-bniedem għandu jfittex li jogħġob lil Alla dejjem

u f’kollox.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 4, 26-34)
Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jqabbel il-kobor tas-Saltna t’Alla ma’ żerriegħa ċkejkna. Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f’dan il-mument inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jipprovdielna bħala wliedu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Biex ngħixu ta’ veri dixxipli ta’ Kristu, aħna lkoll mistiedna nirċevuh ġo fina sabiex Hu jqawwi din il-mixja tagħna warajh.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.